MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 470/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Brendan Patrick Walsh K.I. 58096(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u sittax-il Ewro, u zewg centezmi (€816.02), dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bil-kont numru *A/C51062202,* moghtija mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tmien mija u sittax-il Ewro, u zewg centezmi (€816.02),  bl-imghax legali dekorribbli mis-6 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------